Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2014

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) u John Baldacchino (ID 0110387M) (appellati)**

**vs**

**Middlesea Insurance plc (C5553) (appellanti)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Is-socjeta appellanti appellat minn decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg moghtija fis-17 ta' Settembru 2014, li biha cahad it-talba tal-appellati ghall-hlas ta' danni b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Jannar 2012 go Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk bejn vettura JON 175 proprjeta ta' John Baldacchino u xarabank assigurata mas-socjeta appellanti.

Permezz ta' twegiba (fol 10), l-appellata wiegbet illi d-decizjoni appellata hi gusta u ghandha li tigi konfermata, bl-ispejjez kollha l-appellanti, Middlesea Insurance plc.

L-appellat l-iehor, John Baldacchino, ghalkemm notifikat ma pprezentax risposta tal-appell.

Fil-*lodo* arbitrali gie deciz:

*"Ghalhekk u invista tal-premess l-esponenti filwaqt li jilqa' t-talbiet tar-Rikorrenti qed jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' EUR 1,123.63 lir-Rikorrent, bl-imghaxijiet mid-data tal-Lodo, u bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.*

Il-qorti rat l-atti.

## <u>Fatti fil-qosor.</u>

1. Din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku li gara fil-21 ta' Jannar 2012 gewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, bejn il-vettura numru JON 175 proprjeta' ta' John Baldacchino u assikurat mas-socjeta' appellata u xarabank tal-kumpannija Arriva assikurata mas-socjeta' appellanti, Middlesea Insurance plc.

2. L-appellati ppremetew illi l-vettura proprjeta' ta' Arriva habtet mal-vettura JON 175 waqt li dina kienet ipparkajta u talbu illi s-socjeta' konvenuta appellanti bhala assikuratrici tal-vettura tal-Arriva tigi kkundanata thallashom ghad-danni minnhom inkorsi.

3. Fir-risposta taghha l-appellanti qalet:

    i. M'hijiex responsabbli sabiex taghmel tajjeb ghad-danni ghaliex m'hijiex il-legittimu kontradittur.
    ii. L-ebda vettura ta' Arriva Malta Limited ma kienet involuta fl-incident in kwistjoni.

4. L-Arbitru, fil-*lodo* arbitrali mertu tal-appell odjern, laqa' t-talbiet tar-Rikorrenti u kkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' EUR 1,123.63 lir-Rikorrent, bl-imghaxijiet mid-data tal-Lodo, u bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

## Aggravji.

L-aggravji huma:

1. **Punti Fattwali**:

    *"vii. Illi ghaldaqstant jirrizulta illi mhemmx provi bizzejjed biex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi kienet vettura tal-Arriva li laqtet il-vettura tar-rikorrenti, la f'dik id-data u l-gurnata, u lanqas f'ebda gurnata ohra;"* [fol 2]

2. **Punti Legali**:

    *"i. Illi fid-decizjoni tieghu l-arbitru jikkonkludi s-segwenti: 'Ghalhekk fic-cirkostanzi, l-esponenti qed jsib lill-assikurat tas-socjeta' intimata unikament responsabbli ghal dan l-incident';*

    *ii. Illi s-socjeta' appellanti umilment tissottometti illi din hija konkluzjoni legalment zbaljata peress illi l-assigurat tas-socjeta' intimata kienet l-Arriva Malta Ltd (illum Malta Public Transport Services (Operations) Limited, u bhala persuna guridika, zgur ma tistax tinstab responsabbli ghall-incident stradali peress illi huwa impossibli illi hija kienet qed isuq l-vettura li allegatament ikkawzat l-incidenti."* [fol 2]

3. **Ammont tad-Danni**:

    *"i. … is-socjeta' appellanti kienet qieghda ukoll tikkontesta l-quantum mitlub mir-rikorrenti u mhux kif stqarr l-artbitru – 'Dwar id-danni mitluba ma hemm l-ebda kontestazzjoni';*

    *ii. Illi l-quantum tad-danni kien gie kkontestat mis-socjeta' appellanti permezz ta' risposta datata d-19 ta' Gunju 2013 u dan wara r-rikors pprezentat mir-rikorrenti sabiex it-talba*

*originali tigi mizjuda b'elf, mija tlieta u ghoxrin Euro tlieta u sittin centezmu (EUR 1,123.63)."* [fol 3]

## Konsiderazzjoni.

1. **L-ewwel aggravju** – ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti, din il-qorti fil-kawza **Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) osservat:

   *'il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li, '*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

2. Is-socjeta' appellanti qeghda tikkontesta d-decizjoni tal-arbitru li kienet vettura (xarabank) assikurata mas-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli ghall-incident *de quo.* Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi tikkonkludi li l-Arbitru seta' ragonevolement, fuq bazi ta' probabilta', jikkonkludi li x-xarabank tal-Arriva assikurata mas-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghad-danni. Madankollu tistqarr li ma tifhimx kif l-appellata ma pprezentatx il-filmat meta f'ittra legali datata 4 ta' Lulju 2012 li baghat id-difensur tas-socjeta appellata, jinghad: *"After I spoke to Untours Insured, **seen the CCTV camera** and saw the photos (copy attached) it is clearly visible that the colour that was left on Untours Insured's vehicle is the same colour as that of the Arriva buses."* L-istess jinghad fir-rigward tal-kopji tar-ritratti li gew prezentati. Ladarba huma kopja, mhux possibbli ghal min irid jiddeciedi l-kaz li jikkonkludi li hemm tracci tal-kulur ahdar fuq il-vettura ta' Baldacchino. Dawn in-nuqqasijiet fil-mod kif jitressqu l-provi jafu joholqu diffikultajiet bla bzonn ghal min irid jiddeciedi, u li facilment jigu evitati jekk l-affarijiet isiru kif suppost.

3. John Baldacchino, sid il-vettura Audi JON 175, ikkonferma li kien hemm filmat ta' CCTV camera li fih jidher l-incident. Filmat li pero mhuwiex fl-atti. Ix-xhud qa: "Dan il-filmat *"juri l-vettura tieghi pparkjata u l-bus tal-Arriva jahbat fiha"* (seduta tad-29 ta' Mejju 2013). Fatt ikkonfermat mis-surgent tal-pulizija 386 Joseph Cauchi li qal, *"mill-filmat jidher illi dakinhar l-unika vettura li ghaddiet kienet bus."* (seduta tad-29 ta' Mejju 2013). Fil-fatt f'update li sar fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jinghad ukoll: *"Is-sur Michael Baldacchino, hu John, gie l-ghassa ta' Marsaxlokk fejn mieghu gab filmat minn cctv, feju juri li l-vettura ta' huh John Audi 175 kienet giet milquta minn vettura tal-linja tal-Arriva."*

4. Il-qorti ma tistax tonqos milli tinnota l-faqar ta' investigazzjoni li ghamlet il-pulizija f'dan il-kaz, wara li nghatat il-filmat tal-incident. Wara li l-pulizija nghataw il-filmat, kull ma jinghad fir-rapport hu:

   *"gew ikkuntatjati kemm certu Keith kif ukoll Raymond zewg persuni nkarigat mit-Trasport tal-kumpannija fejn identifikaw zewg sewwieqa li huma Jason Fsadni kif [ukoll] Joseph Tonna. Dawn wara li gew mistoqsija stqarrew jekk jafux li laqtu xi vettura, huma rrispondew fin-negattiv."*

   L-inqas haga li l-pulizija kellha taghmel biex tikkonkludi l-investigazzjoni kien li jordnaw li x-xarabank, li dakinhar tal-incident ghaddiet mit-triq fejn sehh l-incident, tittiehed hdejn l-ghassa sabiex jigi verifikat kinux jidhru daqqiet fuqha kompatibbli mal-hsara li kellha l-Audi. Hu evidenti li dan ma sarx.

5. Min-naha l-ohra s-socjeta appellata ghazlet li ma tressaqx provi li b'xi mod inisslu dubju fil-verzjoni li taw John Baldacchino u s-surgent PS 386 Joseph Cauchi. Fil-fehma tal-qorti minn dak li rrizulta mill-ftit provi li tressqu, l-Arbitru seta' jasal ghal konkluzjoni li l-incident sehh meta vettura ta' Arriva Malta Limited, li fil-21 ta' Jannar 2012 ghaddiet minn Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, habtet fl-Audi tal-appellat Baldacchino li kienet ipparkjata.

   **Ghaldaqstant dan l-aggravju hu michud.**

6. **<u>Dwar it-tieni aggravju</u>**, l-appellanti targumenta li l-assigurat kienet l-Arriva Malta Ltd:

   *"…. u bhala persuna guridika, zgur ma tistax tinstab responsabbli ghall-incident stradali peress illi huwa mpossibbli li hija kienet qed issuq il-vettura li allegatament ikkawzat l-incident…….*

   *v. Illi peress illi f'dan il-kaz il-vettura li allegatament ikkawzat id-danni fuq il-vettura tar-rikorrenti ma gietx identifikata, ir-rimedju tar-rikorrenti kien proprju dak illi jfittex li jirkupra d-danni minghand il-Fond ghal Protezzjoni u Kumpens u mhux azzjoni diretta kontra s-socjeta appellanti. Illi din l-eccezzjoni tqajment kemm fir-risposta tas-socjeta appellanti (L-eccezzjoni tal-illegittimita tal-persuna) u kif ukoll fit-trattazzjoni finali izda l-ebda accenn ma sar ghaliha fil-konsiderazzjonijiet tal-arbitru"*

   L-appellanti hi l-kumpannija assiguratrici ta' Arriva Malta Ltd (illum Malta Public Transport Services (Operations) Limited). Ladarba gie identifikat li l-vettura li habtet fl-Audi kienet xarabank ta' Arriva Malta Ltd, l-Arbitru ghamel sew meta kkonkluda li s-socjeta appellanti ghandha taghmel tajjeb ghad-danni. L-appellanti stess iddikjarat li Arriva Malta Ltd kienet l-assigurata taghha. Ladarba l-appellanti hi l-kumpannija assiguratrici li tohrog poloz ta' assikurazzjoni fuq ix-xarabanks ta' Arriva Malta Limited, wiehed jista' jikkonkludi li probabilment ix-xarabank li habtet fil-vettura ta'

Baldacchino kienet assigurata mal-istess kumpannija assiguratrici. Semmai l-oneru tal-prova kien fuq l-appellanti li fil-gurnata meta sehh l-incident ix-xarabank li ghamlet ir-rotta li ghaddiet mit-triq fejn kien hemm ipparkjata l-vettura ta' Baldacchino, ma kinitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta appellanti. Prova li ma saritx.

Ghaldaqstant, f'dan il-kaz partikolari l-qorti taqbel mas-socjeta appellata li ghal finijiet ta' responsabbilta ma kienx essenzjat li tigi identifikata x-xarabank partikolari li habtet fl-Audi. L-Artikolu 9D tal-Kap. 104, li rreferiet ghalih l-appellanti, m'ghandu l-ebda rilevanza. Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hsara saret minn xarabank ta' Arriva Malta Limited. Hu veru li ma gietx identifikata x-xarabank partikolari li habtet fl-Audi, madankollu fuq bazi ta' probabilita' dik ix-xarabank kienet assigurata minn polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta appellanti. Ghalhekk l-appellanti ghandha obbligu li twiegeb ghad-danni bhala assiguratur awtorizzat (Artikolu 9A tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni).

**Ghaldaqstant it-tieni aggravju hu michud.**

7. **<u>It-tielet aggravju</u>** jitratta l-*quantum* tad-danni. L-Arbitru ikkonkluda illi *"dwar id-danni mitluba ma hemm l-ebda kontestazzjoni."* Mill-atti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' nota li pprezentat fid-19 ta' Gunju 2013, opponiet u kkontestat it-talba tas-socjeta' attrici li l-ammont mitlub jizdied peress li z-zieda fl-ammont originarjament rikjest kien jirrigwardja *parts* li ma kinux gew inkluzi fis-*survey report* [Dok. C]. Dan mhuwiex minnu. L-ispejjez zejda li ma tnizzlux fil-prospett tad-danni mehmuz mal-avviz tal-arbitragg, jissemmew fis-survey report. L-ispiza kienet ta' €303.46 ghax-xiri ta' rota u l-cap taghha (ara ricevuta datata 27 ta' Gunju 2012). Fil-fatt fis-survey report hemm *"Rim & Cap"* taht il-kolonna ntestata *parts affected*, u li hemm bzonn li jinbidlu. **Ghaldaqstant, dan l-aggravju hu michud ukoll**.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.